MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 857/2009

**Alfsons Enterprises Limited**
**(C-20428)**

**Vs**

**Raymond Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta Ottubru 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Euro1,891.35c (elf, tmin mija u wiehed u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta in konnessjoni ma merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-interessi mis-27 ta Ottubru 2008 id-data ta’ l-ahhar konsenja u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri legali tal-15 ta’ Mejju 2008 u tal-24 ta’ Ottubru 2008 sal-effettiv pagament

kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas li jipprezenta risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u lanqas ma deher ghas-seduta tas-27 ta Novembru 2009 ghalkemm imsejjah diversi drabi;

Ha konjizzjoni tan-nota prezentata mis-socjeta attrici li permezz taghha irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' Euro1,391.35c (elf tlett mija wiehed u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu) stante pagament fil-mori tal-kawza;

Ha konjizzjoni tal-kapitolu prezentat mis-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghat-talba attrici u jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallasha skond kif mitlub;

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut mhux biss ma pprezenta ebda risposta formali in kontestazzjoni ghat-talba attrici izda lanqas biss ma deher kemm ghas-seduta tas-27 ta Novembru 2009 u wisq anqas ghas-seduta tallum fejn gie mitlub iwiegeb in subizzjoni ghad-domanda attrici;

U peress illi l-kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut gie accettat u kwindi id-domanda hemm imqieghdha qed tittiehed bhala mistqarra da parti tal-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba attrici kif ridotta fis-seduta tas-27 ta Novembru 2009 u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta Euro1,391.35c (elf tlett mija wiehed u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta Ottubru 2008 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------